MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 14/2004/1

**Sue Bartolo**

**vs**

**Antoine Vassallo ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Antoine Auto Dealer**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Gunju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00)

rapprezentanti servizzi ta' *debt collection* rezi mill-attrici lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 7 ta' Ottubru 2003 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 273/03 u bl-imghax mid-data tal-ittra legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvneut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma kontestati u l-eccipjent m'ghandux jaghti lill-attrici l-ammont minnha mitlub u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.
Illi l-attrici ghandha taghti rendikont ta' diversi kambjali fil-pussess taghha.
Illi bl-agir taghha in konnessjoni mal-kambjali, l-attrici qieghda tikkawza danni lill-eccipjent li minn issa jirriserva d-drittijet kollha tieghu.

Sema' x-xhieda tal-attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici kienet toffri s-servizzi ta' *debt collection* lill-konvenut u hija kienet tithallas is-somma ta Lm500.00 fix-xahar ghal dawn is-servizzi li kienet qed tirendi fuq inkarigu tal-konvenut. Mill-provi rrizulta li l-attrici ma komplietx tipprovdi dawn is-servizzi minhabba xi ncidenti li nqalghu bejnha u bejn il-konvenut u li dan tal-ahhar kien ghad fadallu jhallasha s-somma ta elf lira Maltin rapprezentanti arretrati ta' xahrejn, u cioe' tax-xhur ta' Awissu u Settembru 2003.

Il-konvenut ma ressaq ebda prova sabiex jikkontradici l-prova mressqa mill-attrci rigwardanti l-fatt li l-ammont dovut lilha ghax-xhur ta' Awissu u Settembru ghadu dovut. Huwa jikkontendi li l-attrici ghad ghandha fil-pussess taghha ammont ta' kambjali li huwa kien ikkonsenjalha sabiex hija tirritornahom lid-debituri li kienu effetwaw il-

pagamenti relattivi. L-attrici tispejgа lli hija kienet zammet dawn il-kambjali sabiex tikkawtela id-drittijiet taghha u tghid li hija m'gahndha ebda diffikolta li tirritorna dawn il-kambjali lid-debituri koncernati una volta li l-konvenut ihallasha l-ammont lli ghadu dovut lilha. Hija tghid li gabret l-ammonti indikati f'dawn il-kambjali u ghaddiet il-flus lill-konvenut. Irid jigi rilevat li dan tal-ahhar ma ressaq ebda prova tad-danni allegatament sofferti minnu bhala konsegwenza tal-agir tal-attrici u ghalhekk ma jirrizultax li huwa sofra xi danni.

It-Tribunal jidhirlu li l-attrici ippruvat soddisfacentement li l-ammont mitlub minnha kien u ghadu dovut lilha mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta elf lira Maltin (Lm1,000.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li talab ir-revoka taghha bl-aggravju kontestanti l-apprezzament ta' fatt fid-dawl tal-provi prodotti maghmul mit-Tribunal. Provi dawn li jikkonsistu unikament fix-xhieda ta' l-attrici;

Il-fatti tal-kaz huma sew riprodotti fis-sentenza appellata. L-attrici pprestat ghal perijodu ta' xi tliet snin servizz ta' "*debt collecting*" ghan-nom u fl-interess tal-konvenut. Dwar hlas l-arrangament inizzjali kien li hi tircievi percentwali ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq l-ammonti li kienet tigbor minghand id-debituri. Invece, il-konvenut beda jhallasha rata fissa ta' hames mitt lira (Lm500) fix-xahar liema hlas gie accettat mill-attrici. Minhabba l-atteggjament tal-konvenut l-attrici ddecidiet li ma tkomplix tippresta dan is-servizz, tant li fit-28 ta' Settembru 2003 waqfet ghal kollox. Hi issa qed tirreklama l-hlas tal-

korrispettiv lilha dovut ghax-xhur ta’ Awissu u Settembru 2003. Il-konvenut qed jirrezisti li jaghmel dan il-hlas ghaliex, kif jissottometti, l-attrici naqset milli tikkonsenja lid-debituri ta’ l-azjenda tieghu r-relattivi kambjalijiet tal-hlasijiet effettwati minnhom;

Kif taraha din il-Qorti, mill-esposizzjoni tal-fatti premessi, il-ftehim bejn il-kontendenti jirrientra fid-dispost ta’ l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili riferibilment ghal kuntratt fejn parti wahda tintrabat li taghmel xi haga ghall-parti l-ohra, bi hlas li din tintrabat li taghtiha. Elementi karatterizzanti ta’ dan il-kuntratt huma z-zmien tar-rapport, ir-regolarita` tal-prestazzjoni u l-mizura fissa jew varjabbli tar-retribuzzjoni. Huma dawn l-elementi li jiddifferenzjawh mill-kuntratt ta’ appalt. Dan johrog ben car mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, sede Civili, tat-13 ta’ Mejju 1966 in re: “**John Andrea Bonnici -vs- Wisq Reverendu Dun Giuseppe Cauchi *et nomine***”:-

> “Il-kriterju differenzjali tradizzjonali bejn il-*locatio operarum* u l-*locatio operis* hu bbazat fuq il-prestazzjoni tad-debitur tax-xoghol, kif koncepita u voluta mill-partijiet. Fil-lokazzjoni ta’ xoghol personali, jigi kunsidrat ix-xoghol stipulat, mill-punto di vista tat-tul tieghu, fil-kwantita` taz-zmien li dak li jkun jahdem ghas-sid, f’ kelma wahda taht l-aspett soggettiv mentri bil-lokazzjoni ta’ opra determinata b’ appalt, jigi kkunsidrat ix-xoghol f’ sens oggettiv, cjoe ir-rizultat utili ta’ l-industrija jew attivita` mpjegata.”

Innegabilment kull attivita` tal-bniedem, ekonomikament rilevanti, ghandha, sakemm ma jkunx gie miftiehem xort’ ohra, tigi retribwita. Fil-kaz prezenti din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, ma ghandha ebda ezitazzjoni tirrileva illi, fil-hsieb taghha, fuq il-provi attendibbli, l-attrici adempiet l-obbligazzjoni “*di facere*” taghha. Dan b’ mod sufficcjenti biex jigi sodisfatt l-interess kreditorju taghha. Hi offriet spjegazzjoni plawsibbli ghaliex kienet ghadha ma qassmetx il-kambjalijiet fdati lilha mill-konvenut. Effettivament hi tghid dan: “Jiena zammejt dawn il-kambjali ghaliex jien rajt il-mod kif il-konvenut agixxa ma’

nies li telqu qabli u bdejt nibza' li jekk jien intih lura l-kambjali huwa kien jghid lin-nies minghand min jien gbart il-flus illi ma kontx tajtu lura l-kambjali". Il-konvenut kellu lista ta' dawn l-istess kambjali lilu moghtija mill-attrici pero` jidher li kompla jinsisti li dawn jinghataw lura lilu. Stqarrija din ta' l-attrici li ma gietx zmentita mill-appellanti, anke ghaliex dan baqa' ma xehedx;

Il-Qorti ma tarax li l-ispjegazzjoni ta' l-attrici appellata ghandha tigi eskluza ghaliex hi spjegazzjoni li, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, titqies possibbli u verosimili. Il-konvenut appellant ma jistax legittimament allura jipprevalixxi ruhu mid-difiza bazata fuq l-eccezzjoni "*inademplenti non est ademplendum*" raffigurata fid-decizjonijiet minnu citati, u dan b' mod li jkun jista' jirrifjuta li jivversa l-korrispettiv pattwit. Anzi hu l-kaz li, gjaladarba jirrizulta li l-attrici pprestat is-servizz awtonomu taghha ghal vantagg ta' l-appellant, hu mistenni li tigi retribwita minnu;

Naturalment din il-Qorti ser tahseb biex fil-parti deciziva ta' din is-sentenza timponi fuq l-attrici l-obbligu li tghaddi lid-debituri dawk il-kambjali li jinsabu fil-pussess taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna pero` lill-attrici biex, una volta jigi effettwat il-hlas tal-korrispettiv dovut lilha mill-konvenut, tghaddi lis-singoli debituri ta' l-azjenda konvenuta l-kambjalijiet li ghadhom fil-pussess taghha. Hi ghandha wkoll permezz ta' nota fl-atti ta' dan il-process tikkonferma li ezegwit din l-ordni tal-Qorti; okkorrendo billi tipproduci wkoll dikjarazzjoni sottoskritta minghand id-diversi debituri li huma rcevew minghandha l-istess kambjalijiet;

L-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------